MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 756/2003

***Melita Cable p.l.c.***

***Versus***

***Lapsi Holdings Limited***

F’din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas għal servizz li hija tat lill-konvenuta u għal apparat illi ipprovditilha.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi s-soċjetà attriċi għandha tieħu mingħand is-soċjetà konvenuta tmint elef, mitejn u disgħa u erbgħin lira u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm8,249.77) bħala ħlas ta’ bilanċ għal servizz ta’ *cable television* mogħti lill-konvenuta, skond kuntratt tas-16 ta’ Frar 1996 u kuntratt ieħor tat-8 ta’ Lulju 1996, sakemm is-servizz intemm fis-16 ta’ Lulju 2003.

Is-soċjetà attriċi kienet ukoll ikkonsenjat lill-konvenuta mija u ħamsa u erbgħin (145) *set-top converter*, proprjetà tagħha, li kellhom jinżammu mill-konvenuta sakemm idum

fis-seħħ il-kuntratt. Dawn jiswew disgħa u tmenin lira u sebgħa u sittin ċenteżmu (Lm89.67) kull wieħed, b'kollox tlittax-il elf u żewġ liri u ħmistax-il ċenteżmu (Lm13,002.15). Is-soċjetà konvenuta kienet ħallset ħames mitt lira bħala depożitu u għalhekk fadal bilanċ ta' tnax-il elf, ħames mija u żewġ liri u ħmistax-il ċenteżmu (Lm12,502.15).

Is-soċjetà attriċi għandha jedd tieħu lura dawn is-*set-top converters* meta jintemm il-kuntratt, iżda kull darba li fittxet li teħodhom kien għalxejn. Billi għalxejn sejħet lill-konvenuta biex tħallas u biex trodd l-apparat, is-soċjetà attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

1. tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallasha tmint elef, mitejn u disgħa u erbgħin lira u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm8,249.77); u

2. tikkundannaha wkoll trodd mija u ħamsa u erbgħin (145) *set-top converter* f'kondizzjoni tajba u, fin-nuqqas, tikkundannaha tħallas tnax-il elf, ħames mija u żewġ liri u ħmistax-il ċenteżmu (Lm12,502.15), daqskemm jiswew il-*converters*.

Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż u l-imgħax minn dakinhar tan-notifika ta' l-ittra uffiċjali tal-11 ta' Lulju 2003.

Għalkemm notifikata bl-atti[1] u bl-avviż tas-smigħ[2], is-soċjetà konvenuta la ppreżentat nota ta' eċċezzjonijiet fiż-żmien li tagħti l-liġi u lanqas dehret għas-smigħ tal-kawża; baqgħet kontumaċi.

B'nota tat-8 ta' Lulju 2004[3] is-soċjetà attriċi naqqset it-talbiet tagħha għal tmint elef, tliet mija u disgħa u tletin lira u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm8,339.44) billi s-soċjetà konvenuta raddet is-*set-top converters* kollha ħlief wieħed wara li nfetħet il-kawża.

Dakinhar ukoll xehed rappreżentant tas-soċjetà attriċi u bil-ġurament tiegħu wettaq kemm il-kawża tad-dejn kif ukoll il-bilanċ.

Billi mix-xhieda miġjuba fl-atti, li b'ebda mod ma ġiet kontestata, jirriżulta illi tassew illi s-soċjetà konvenuta għandha tagħti daqskemm qiegħda titlob is-soċjetà attriċi, il-qorti taqta' l-kawża billi tikkundanna lis-soċjetà

---

1 *Fol.* 36 *tergo.*

2 *Fol.* 38 *tergo.*

3 *Fol.* 41.

konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi tmint elef, tliet mija u disgħa u tletin lira u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm8,339.44) flimkien ma' l-imgħax u l-ispejjeż kollha mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------